**2 ta' Lulju, 1984**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Alexander Apap Bologna *et*

*versus*

Dr. Joseph Xuereb M.D.

**Ċessjoni ta' Dritt Litiġjuż - Artikolu 1451 tal-Kodiċi Ċivili**

*Biex ikun hemm ċessjoni ta' jedd jeħtieġ li jkun sar ftehim fuq il-jedd u fuq il-prezz. Id-dritt ta' l-akkwirent il-ġdid li jkompli l-proċeduri*

*huwa dipendenti fuq iċ-ċessjoni favur tiegħu tal-jedd litigjuż pretiż f'dawk il-proċeduri u jekk ma tkunx saret din iċ-ċessjoni, il-jedd litigjuż jibqa' ta' min jippretendih oriġinarjament.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ippreżentat fis-27 ta' Ġunju, 1978, fil-Bord li Jirregola l-Kera li bih l-imsemmi Alexander Apap Bologna, wara li ppremetta li hu jikri d-dar u l-ħanut bin-numru tlieta u ħamsin (53), Triq il-Merkanti, il-Belt, bil-kera ta' mitejn u għaxar liri Maltin (Lm210) fis-sena, jitħallas bis-sitt xhur bil-quddiem, illi l-kera jerġa' jagħlaq fl-1 ta' Lulju, 1978, u illi l-konvenut jew l-awturi tiegħu kkaġunaw ħsarat konsiderevoli fl-imsemmi fond u ma esegwewx il-kondizzjonijiet tal-kuntratt u tal-liġi, kif jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, talab li dak il-Bord jogħġbu jawtorizżah jerġa' jieħu lura *l*-pussess ta' *l*-imsemmi fond numru tlieta u ħamsin (53), Triq il-Merkanti, il-Belt, skond il-liġi;

Rat in-nota ta' John Portelli bħala Direttur u in rappreżentanza ta' Luigi Holdings Ltd., ippreżentata fil-5 ta' Ġunju, 1979, li biha assuma l-atti tal-kawża minflok ir-rikorrent Alexander Apap Bologna peress li l-kumpannija fuq imsemmija akkwistat in enfitewsi temporanja l-fond *de quo* b'att tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona tas-26 ta' Marzu, 1979;

Rat in-nota ta' l-intimat li biha eċċepixxa r-rinunzja għall-azzjoni billi fil-mori tar-rikors il-proprjetarju talab u ottjena *l*-pagament tal-kera u sbanka d-depożiti tal-kera skond l-annessi dokumenti A, B, C u D esebiti *animo ritirandi* (fol. 10);

Rat id-deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' Marzu, 1980, mill-Bord li Jirregola l-Kera li biha laqgħa l-eċċezzjoni ulterjuri ta' l-intimat billi ddikjara t-talba tar-rikorrent rinunzjata stante *l*-

aċċettazzjoni tal-kera waqt il-mori tal-kawża u konsegwentement astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors, wara li kkunsidra:

Illi difatti, kif jirriżulta mill-ittra (a fol. 13) mibgħuta mir-rikorrent lill-intimat fit-22 ta' Mejju, 1979, huwa, matul il-mori tal-kawża, ippretenda mingħand l-intimat il-kera tal-fond *de quo* għall-perijodu mill-1 ta' Jannar, 1978 sal-31 ta' Marzu, 1979 għat-total ta' Lm262.50c u rċeva l-imsemmija somma f'żewġ pagamenti ta' Lm105 u ta' Lm157.50c rispettivament kif jirriżulta tant mill-istess ittra kemm mil-librett ta' l-irċevuti esebit a fol. 14. Inoltre, inspejgabbilment, ir-rikorrent żbanka ukoll is-somma ta' Lm205.55 fis-16 ta' Ġunju, 1979 li kienet ġiet depożitata mill-intimat, in rispett tal-kera dovut għall-perijodu mill-1 ta' Jannar, 1978 sal-31 ta' Diċembru, 1978, ċjoè għall-perijodu ġà kompriż fil-pagamenti preċedenti (ara fol. 12). Jiġi nnotat li r-rikors ġie ppreżentat fis-27 ta' Ġunju, 1978 u għalhekk il-pagamenti jirrigwardaw tant il-kera preċedenti għall-preżentata, kemm ukoll susegwenti;

Issa, għalkemm bin-nota tiegħu tal-5 ta' Ġunju, 1979, John Portelli *nomine* qal li qed jassumi l-atti tal-kawża minflok ir-rikorrenti Alexander Apap Bologna, fil-fatt intervjena *in statu et terminis*, u dana l-intervent a tenur ta' l-artikolu 959 tal-Kodiċi tal-Proċedura ma jwaqqafx il-proċeduri tal-kawża;

Ma hemm ebda dubbju illi l-aċċettazzjoni tal-kera relattiva għall-perijodu tal-mori tal-kawża tikkostitwixxi per se stessa r-rinunzja għat-talba tat-terminazzjoni tal-lokazzjoni korrenti u għar-ripreża tal-pussess mitlubin fir-rikors. Il-fatt li r-rikorrenti oriġinali aċċetta dan il-kera wara li kkonċeda l-fond in enfitewsi lill-intervenut fil-kawża ma jbiddel xejn *vis-a-vis* l-intimat. L-effetti tar-rapport il-ġdid maħluq bejn ir-rikorrenti u l-intervenut fil-kawża, bil-konċessjoni enfitewtika temporanja li saret

bejniethom fis-26 ta' Marzu, 1979, ma jistax jaffettwa lill-intimat, hlief li l-kera sussegwenti ghandu jhallsu lill-enfitewta l-gdid;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi John Portelli bhala Direttur ta' u in rappreżentanza ta' Luigi Holdings Ltd. ipprezentat fil-21 ta' Marzu, 1980, li bih, ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fil-kawża fuq imsemmija fit-13 ta' Marzu, 1980 u minflok tichad l-eccezzjoni ulterjuri moghtija mill-intimat li l-azzjoni giet rinunzjata u taghti dawk l-ordnijiet konsegwenzjali opportuni, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-imsemmi intimat appellat ipprezentata fis-7 ta' April, 1980;

Rat l-atti l-ohra rilevanti u opportuni;

Semghet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal dan l-appell jistghu jigu kompendjati b'dan il-mod: Fis-27 ta' Gunju, 1978, Alexander Apap Bologn, allura sid il-fond *de quo*, ipprezenta rikors fil-Bord li Jirregola l-Kera, fejn ghar-ragunijiet hemm imsemmija talab ir-ripreża tal-fond *de quo*. In segwitu, waqt li l-kawża kienet ghada pendenti quddiem il-Bord, b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Alexander Sceberras Trigona fis-26 ta' Marzu, 1979, huwa kkonċeda l-fond b'titolu ta' enfitewsi temporanja lil John Portelli ghad-ditta Luigi Holdings Limited. B'nota tal-5 ta' Gunju, 1979 din il-kumpannija assumiet l-atti tal-kawża minflok Alexander Apap Bologna. Fit-22 ta' Mejju, 1979 l-istess Apap Bologna kien

talab il-ħlas tal-kera sal-31 ta' Marzu, 1979 u fil-fatt, kif juru d-dokumenti tal-proċess, tħallas dan il-kera. L-intimat appellat eċċepixxa r-rinunzja ta' l-azzjoni in vista ta' dan il-ħlas u din l-eċċezjoni ġiet milqugħa mill-Bord. Il-Kumpannija fuq imsemmija issa appellat minn din id-deċiżjoni;

Ikkunsidrat:

L-appellant *nomine* qiegħed jissottometti li la darba huwa, skond il-prassi ordinarja, seta', bħala l-akkwirent il-ġdid, ikompli l-proċeduri, r-rinunzja għall-azzjoni setgħet issir minnu biss u mhux mir-rikorrent oriġinarju li kien tilef kull interess. Din is-sottomissjoni ta' l-appellant *nomine* timporta l-eżami tal-kwistjoni jekk l-appellant *nomine* setax, kif qiegħed jippretendi, ikompli l-proċeduri hu għaliex jekk ma setax ikompli dawn il-proċeduri, dan ifisser li l-proċeduri jkunu tkomplew f'isem ir-rikorrent oriġinarju u r-riċezzjoni tal-kera *pendente lite* mill-istess rikorrent oriġinarju iġġib bħala konsegwenza r-rinunzja għall-azzjoni;

Ikkunsidrat:

L-artikolu 1551 tal-Kodiċi Ċivili taħt is-sub-Titolu VII tat-Titolu VI tat-Tieni Taqsima, intitolat "Fuq iċ-ċessjoni ta' Kreditu u Jeddijiet oħra" jikkontempla *inter alia* iċ-ċessjoni jew bejgħ ta' jeddijiet jew ta' azzjoni (fit-test Ingliż: *cause of action*) u l-artikolu 1562 (2) jgħid li l-jedd jitqies litiġjuż *inter alia* meta jkun hemm kawża ikkontestata fuq jekk hemmx dak il-jedd;

Fil-każ preżenti r-rikorrenti oriġinali Alexander Apap Bologna, meta ppreżenta r-rikors fil-Bord li Jirregola l-Kera biex jirriprendi l-pussess tal-fond *de quo*, kien qiegħed jippretendi li, għar-raġunijiet hemm imsemmija, huwa kellu l-

jedd li jirriprendi dak il-pussess u fil-fatt dan il-jed kien litiġjuż billi kien hemm kawża ikkontestata fuq jekk kienx jeżisti dak il-jedd pretiż mir-rikorrent Alexander Apap Bologna;

Issa minn eżami tal-kuntratt fuq imsemmi ppubblikat min-Nutar Alexander Sceberras Trigona fis-26 ta' Marzu, 1979 ma jirriżulta bl-ebda mod li meta Alexander Apap Bologna kkonċeda in enfitewsi temporanja il-fond *de quo* lill-kumpannija fuq imsemmija, huwa ċeda lill-istess kumpannija l-jedd litiġjuż fuq imsemmi. L-unika referenza għal-lokazzjoni favur l-intimat appellat tinsab fil-paragrafu (b) ta' l-istess kuntratt fejn jingħad li ċ-ċens ta' mitejn u għoxrin lira Maltija (Lm220) għandu isir elf u ħames mitt lira Maltija (Lm1500) fis-sena minn dak in-nhar li l-enfitewta jieħu l-pussess ta' l-imsemmija dar appena li tiġi terminata l-lokazzjoni li hemm a favur ta' l-inkwilin preżenti. Dawn il-kliem, fil-fehma tal-Qorti, ma jimportawx ċessjoni tal-jedd litiġjuż pretiż mir-rikorrent oriġinali Alexander Apap Bologna billi, kif jidher mill-artikolu 1483, Kodiċi Ċivili, biex ikun hemm ċessjoni ta' jedd jeħtieġ li jkun sar ftehim fuq il-jedd u fuq il-prezz - liema ftehim ċertament ma jistax jingħad li sar u ġie attwat bil-kliem fuq imsemmija fil-kuntratt;

Id-dritt ta' l-akkwirent il-ġdid li jkompli l-proċeduri huwa dipendenti fuq iċ-ċessjoni favur tiegħu tal-jedd litiġjuż pretiż f'dawk il-proċeduri u jekk ma tkunx saret din iċ-ċessjoni, il-jedd litiġjuż jibqa' ta' min jippretendih oriġinarjament;

Għalhekk fil-każ preżenti l-jedd litiġjuż kien baqa' tar-rikorrent oriġinarju Alexander Apap Bologna u meta huwa rċeva l-kera fuq imsemmi, huwa ġie li rrinunzja għall-azzjoni;

Il-fatt li huwa u l-intimat appellat spezzettaw il-kera biex jagħlqu l-kontijiet sa dak in-nhar li r-rikorrent oriġinarju

Alexander Apap Bologna kien baqa' s-sid tal-fond *de quo* ma jaffettax il-konklużjoni fuq raġġunta mill-Qorti billi dak l-ispezzettar kien qiegħed isir minnhom fuq il-presuppost żbaljat li l-jedd litiġjuż kien għadda favur il-kumpannija fuq imsemmija mentri, għar-raġunijiet fuq indikati, dan il-jedd kien baqa' tar-rikorrent oriġinali Alexander Apap Bologna;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.